MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1201/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Meriam Abdussalam Mouaddea**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra:

**Meriam Abdussalam Mouaddea** ta' 39 sena, bint Abduddalam u Fatima xebba Rahwi, imwielda gewwa l-marokk nhar il-1 ta' Novembru 1974 u residenti gewwa fond numru 7, 'Archdea', Block B, Flat 7, Triq Carmen Mallia, San Gwann u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 9000606A u document ta' identifikazzjoni numru 4960;

Akkuzata talli nhar id-29 ta' Novembru 2014, ghal habta ta' 11.30hrs gewwa tas-Sliema;

1. Ikkommettiet serq ta' flus ta' valur li ma jeccediex €232.94 minn residenza 27, St. Mary, Flat 3, Trejqet Sant' Injazju, Sliema, liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, ghad-detriment ta' Aldo Schembri Adami detentur tal-karta' tal-identita bin-numru 340067M u jew ta' persuna jew entitajiet ohra. ***(Artikolu 261(b), 263(a), ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

2. U aktar talli fl-istess zmien laqet ghandha jew xtrat hwejjeg misruda, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat, u / jew xjentement b'kull mod indahhlet sabiex tbieghhom jew tmexxijhom. ***(Artikolu 334(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

3. U aktar talli volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix mitejn u hamsin euro (250) ghad-detriment ta' Aldo Schembri Adami detentur tal-karta tal-identita bin-numru 340067(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra ***u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(b) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***,

4. U aktar talli kisret il-kondizzjonijiet impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 27 ta' Awwissu 2014 li permezz tieghu hija nghatat l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkommetix reat iehor ta' natura volontarja waqt lit kun mehlusa mill-arrest, kif ukoll li tiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fost anke diversi kundizzjonijiet ohra***. (Artikolu 574(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

5. B'hekk rendiet ruha recidiva b'sentenza moghtija lilha mill-qorti tal-Magistrati Malta kif presjeduta mill-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clark LL.D nhar it-13 ta' Lulju 2010, liema sentenza

saret defenittiva w ma tistghax tigi mibdula ***(Artikolu 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi rat il-Ligi;

Rat l-ammissjoni tal-akkuzata, fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li tat zmien lill-akkuzata sabiex tikkunsidra l-ammissjoni taghha u wara li semghetha tirrikonferma l-ammissjoni, issib lill-akkuzata hatja u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda r-raba' akkuza tikkundannaha pieni karcerarja ta' gimgha u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, il-Qorti qedgha ssibha hatjau a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta tohrogilha Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn.

L-imputata tat il-kunsens taghha sabiex ir-refurtivia tigi kkonsenjata lil sidha wara d-debita ricevuta. In vista tas-sentenza moghtija, l-imputata tidikkjara li qed tirrinunzja ghall-Appell.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------